MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 420/1994/1

**Norman Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' BOXIT LIMITED**

**Vs**

**Joseph Said u Paul Said bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mdina Glass Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li permezz tieghu l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti nomine ma ghandhomx jigu ikkudannati li jhallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' mija u sebgha u tletin lira u erbghin centezmu (Lm137.40c) rapprezentanti prezz ta' kwantita ta' kaxex tal-kartun li gew manifatturati u konsenjati lilhom fuq ordni taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April 1994 u bl-imghax legali sal-pagament effettiv. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti nomine li biha eccepew illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija in kwistjoni m'hiex tal-kwalita' pattwita, m'hiex skond s-sample u lanqas skond id-disinn miftiehem.

Salv eccezzonijet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenuti nomine li permezz taghha talbu sabiex l-attur nomine jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat sabiex jigi dikjarat illi l-kaxex tal-kartun msemmija fl-avviz ma gewx manufatturati skond kif gie ordnat, skond d-disinn mfitiehem u skond s-sample u konsegwentement tigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti, jigu likwidati l-istess danni u tigi kkundannat thallas lill-konvenuti nomine s-somma li tigi hekk likwidata.

Ghal fini ta' kompetenza jigi ddikajrat illi l-valur tad-danni ma jeccedix l-Lm150.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, bhala rassunt tal-provi prodotti mill-attur nomine, jidher mill-atti li dawn kienu is-segwenti:-

a) Andrew Satariano (fol 13 seq ibid) bhala direttur tal-istess socjeta' attrici specifika li t-talba in esami tirreferi ghal "xoghol ta' kaxxi fornut lill-konvenuti nomine li da parti taghhom hallsu in parti il-prezz dovut. Difatti l-istess xhud irrefera ghad-dokument a fol 2 tal-process u mmarkat "Dok A" fejn hemm specifikat l-ammont kollu tal-

istess prezz ossija Lm211.20, l-ammont imhallas ‘in parte’ ossija Lm73.80. Skond l-istess xhud il-konvenuti nomine ma kienux hallsu dan il-bilanc minhabba “li l-oggetti li fornejnilhom ma ghogbuhomx” a kawza tal-kulur stante li l-konvenuti nomine riedu li l-kulur tal-kaxxi kellu jkun “blue” b’disinn ta’ kulur abjad. Qabel ma kienet saret l-ordni wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ konvenuta kien ghazel il-qies ta’ kaxxa. Sussegwentement l-istess direttur kien gab disinn sabiex dan jigi riprodotti a bazi ta’ “artwork” li gie stampat fuq il-kaxex. Dawn gew konsenjati lis-socjeta’ konvenuta li accetathom , uzathom u kienet qed tuzhom oltre li ghamlet il-pagament ta’ Lm73.80 gja msemmi (ara fol 2 tal-process ossija d-dokument A premess). Waqt il-kontro esami, ix-xhud spjega li “jista’ jkun li l-pagament … sar qabel id-delivery. Dan jista’ jkun ukoll ghal “art work” li kien intwera lis-socjeta’ konvenuta mis-‘salesman’ tad-ditta attrici cjoe Alan Agius. Inoltre sema li s-socjeta’ konvenuta ossija l-imsemmi direttur “Said” kien gab kaxxa li kienet stampata “b’kulur wiehed … ma kienitx printed reversed out. Kienet kaxxa totalment differenti”.

b) Alan Agius (a fol 26 u 45 u 47 seq ibid) is-‘salesman’ hawn fuq imsemmi mix-xhud precedenti spjega li s-socjeta’ konvenuta kienet ghamlet ordni “ghal kaxxa, kaxxi bhal dik esebita” (presumibiment b’referenza ghad-dokument a fol 12 tal-process). L-istess xhud, in konnessjoni ma dan, qal lis-socjeta’ konvenuta sabiex din tesegwixxi l-“art work”. Dan, fil-fatt, sar mill-istess socjeta’ konvenuta li pproduciet id-dokument li jinsab anness mal-atti mmarkat dokument B a fol 23 tal-process. Dan ix-xhud specifika li, u dan testwalment “Jiena cert li l-ordni kienet li l-blue kellu jkun fuq l-abjad” ossija “kif kellha tkun il-kaxxa pero is-size ma kienx l-istess”. Eventwalment in rigward il-kwantita’ gia miftehma li din kella tkun ta’ tmint elef kaxxa, bl-ewwel tlett elef prodotti bhala prova. Difatti saret il-konsenja ta’ tlett elef kaxxa oltre hlas ta’ depositu jew mal-ordni jew mal-konsenja ta’ dawn. Pero mal-konsenja kien cempillu “is-Sur Said” li nformah li “ma kienux ghogbuh” minghajr ma tah raguni. Difatti ma gewx accettati il-hamest elef kaxxa, formanti parti ghall-istess ordni”. L-istess xhud gie riprodott u esebixxa d-dokumenti li jinsabu minn fol 35 sa 36 tal-process specifikatament

"statement of account" minn fejn jidher li s-socjeta' konvenuta hallset ammont ta' Lm200 fis-16 ta' Gunju 1993 bil-kont totali ammontanti ghal Lm337.40, ri l-konferma tal-ordni bid-data tal-11 ta' Gunju 1993 maghmula mill-istess xhud in rigward 3000 kaxxa bil-qies ta' 105 X 105 X 165, bi 'board grade" indikat bhala "E flute" u deskrizzjoni specifikata bhala "Die-cut cartons printed in blue on white board".  Sussegwentement ghamel kjarifika in konnessjoni mad-dokument B gja imsemmi.  Testwalment, qal li "Id-dokument B tahuli ir-'Repro House'.  L-Isketch (kumment tal-Qorti: "li ma jidhirx li gie esebit in atti) skond fol 45 in atti li tani s-Sur Said huwa simili bhal dak li hemm fid-'dokument B' pero' ma nistax nghid jekk hux l-istess wiehed'.  Fl-ahhar nett gie ribadut li "Is-Sur Said ried il-kulur ta' dan ix-xoghol blue. Is-Sur Said urieni fuq kaxxa kif ried il-kulur.  Il-kulur fuq il-kaxxa esebita (presumilment dak a fol 12) huwa l-istess kulur blu li ordnali is-Sur Said".  Inoltre specifika li s-socjeta konvenuta ilmentat fuq ix-xoghol esegwit wara li dan kien sar.

c) Ron Mifsud (a fol 43) in rappresentanza ta' "Repro House" ikkonferma li l-imsemmi dokument B sar mid-ditta rappresentata minnu a basi ta' desinn simili ghalih li gie ritornat lis-socjeta' attrici.

d) Nicky Everton (a fol 55 u 57 tal-process) impjegata bhala disenjatrici mal-istess "Repro House" u b'referenza dejjem ghad-dokument B a fol 23 sa 25 tal-premess ikkonfermat li dan gie "ikkupjat" minnha a basi ta' "xi haga moghtija" skond kif kien inkarigha Alan Agius imsemmi.

e) L-uniku xhud prodott mis-socjeta' konvenuta hu l-istess Joseph Said qua direttur tal-istess (a fol 69).  Dan irrileva li xtaq jaghmel ordni ta' kaxxi minghand is-socjeta' attrici u ghal dan il-ghan, kien ha mieghu kampjun "bhal dokument A" (a fol 72 tal-premess) u ghamel ordni ta' 350 kaxxa bhala "sample order".  Xi zmien wara l-istess ordni, hu kien irceva kampjuni "ta kaxxa totalment differenti" ossija bhal dik li esebixxa hu stess u giet immarkata dokument B u li tinsab in atti a fol 72 ukoll.  Meta saret din il-konsenja, minhabba dak li ghadu kemm inghad, informa lis-socjeta' attrici li "ma nistax naccetthom ghax ma kienux kif kont ftehmt".  In rigward l-ilmenti tieghu, fl-istess xhieda ippreciza ulterjorment li:

i) il-ftehim kien li d-disinn, kif mibdul u mkabbar, kellu jkun abjad waqt li l-bazi kellha tkun ta' kulur 'blue' kif hemm fuq id-dokument A imsemmi.
ii) Meta pero irceva il-konsenja tas-'sample order', b'referenza ghad-dokument B esebit minnu, jidher li, skond l-istess xhud, kollox kien sar kontra fis-sens li l-bazi inghatat il-kulur abjad waqt li d-disinn kien ta' kulur blu.
iii) Inoltre il-kulur 'blue' kien totalment differenti minn dak ordnat.
iv) Fl-ahhar nett, ghamel referenza ghal fatt li hu kien inkariga persuna sabiex jaghmillu id-disinn. Meta saret il-konsenja, l-istess disinjatur qallu li d-disinn kien gie mibdul. Pero, fil-fehma tal-Qorti, dan il-punt ma kienx car. Difatti, fl-istess xhieda jinghad li "kien gie salesman taghhom urieni mamma tal-plastic kif sa jigi d-disinn u ahna kkonfermajnieh kif kien jidher imma din kienet hamra per esempju. Ma konniex qed naraw la kulur u xejn, semplicement id-disinn" ossija xena kif deskritta a fol 70.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati il-provi kollha jidher li hemm konflitt kemm fuq l-ammont ta' kaxxi li gew ordnati kemm fuq kif kellha tigi esegwita l-istess ordni. Wara li gew meqjusa l-istess provi, il-Qorti issibha difficli sabiex tikkonkludi fuq basi ta' probabilta' illi s-socjeta' attrici esegwit l-ordni in esami skond kif miftiehem bejn il-partijiet. Filfatt ma jidhirx li hu kaz fejn min effettwa l-ordni ma kienx accetta l-ewwel konsenja ghax Joseph Said "ma kienux ghogbuh" kif qed tallega s-socjeta attrici izda wiehed fejn dak li filfatt gie ordnat ma giex konsenjat u ghalhakk dak li sostna l-istess Joseph Said jidher, fic-cirkostanzi tal-kaz, li hu kien gustifikat kemm legalment kemm fuq bazi ta' fatt u kellu raguni valida sabiex jxolji l-istess ftehim u jigi applikat dak li jinghad fl-artikolu 1640 (3) u (4) tal-Kodici Civili tenut kont tal-pagament li kien di gja sar f'dan il-kaz da parti tas-socjeta' konvenuta, kif hawn fuq spjegat, b'applikazzjoni ukoll tas-sub-inciz (5) tal-istess artikolu li ghadu kemm saret referenza ghalih.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------